MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 38/2011

**Dr Angele Formosa ghan-nom u fl-interess ta’ Cecilia Romana Nesbitt**

**Vs**

**Publius Pisani**

Il-Qorti,

Permezz tar-rikors guramentat taghha, ir-rikorrenti nomine ppremettiet:

(1) Illi permezz tal-avviz numru 1/2011 li gie deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri fid-29 ta’ Marzu 2011 fil-kawza fl-ismijiet ‘Publius Pisani vs Cecilia Nesbitt’, Publius Pisani ghamel talba ghall-hlas tas-somma ta’ hdax-il elf mitejn u sitt Ewro u tnejn u tletin centezmu (€11,206.32) minghand l-attrici odjerna Cecilia Nesbitt;

(2) Illi permezz tas-sentenza moghtija l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri ddikjarat illi *‘Il-konvenuta giet notifikata permezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni, u ma dehritx fis-seduta tat-23 ta’ Marzu 2011 u tal-lum’* u ghalhekk il-Qorti kkunsidrat lill-attrici Cecilia Nesbitt notifikata b’dan l-avviz u ghaddiet ghas-sentenza li permezz taghha kkundannatha thallas is-somma mitluba minn Publius Pisani u dan minn kif jidher mis-sentenza annessa u mmarkata bhala Dokument ‘AF1’;

(3) Illi mill-atti tal-istess Avviz Nru 1/2011 jidher illi Publius Pisani dejjem ipprova jinnotifika lil Cecilia Nesbitt f’indirizz wiehed u cioe’ fil-fond numru tmienja u tletin (38) fi Triq l-Arcipriet Cassar, Victoria, Ghawdex;

(4) Illi dawn in-notifiki f’dan l-indirizz saru minkejja li Publius Pisani kien jaf li dak l-indirizz mhuwiex il-post ta’ residenza tal-attrici Cecilia Nesbitt u dana peress li kien jaf li hija tirrisjedi gewwa Ruma, fl-Italja;

(5) Illi l-Artikolu 187(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jispecifika illi n-notifika ghandha ssir fil-post tar-residenza tal-persuna li ghandha tigi nnotifikata;

(6) Illi di piu l-Artikoli 7 u 9 tar-Regolament tal-Ewropa Nru 1393 tal-2007, jobbligaw lill-parti li tkun trid tinnotifika sabiex taghmel in-notifiki direttament fl-indirizz tal-persuna minkejja li din tkun tghix barra minn Malta, sakemm il-persuna li trid tigi notifikata tkun tghix f’pajjiz membru tal-Unjoni Ewropeja;

(7) Illi l-Artikolu 19(1) tal-istess Regolament jipprovdi kif gej:

*“Article 19*
*Defendant not entering appearance*
*1. Where a writ of summons or an equivalent document has had to be transmitted to another Member State for the purpose of service under the provisions of*

*this Regulation and the defendant has not appeared, judgment shall not be given until it is established that:*
*(a) the document was served by a method prescribed by the internal law of the Member State addressed for the service of documents in domestic actions upon persons who are within its territory; or*
*(b) the document was actually delivered to the defendant or to his residence by another method provided by this Regulation;*
*and that in either of these cases the service or the delivery was effected in sufficient time to enable the defendant to defend".*

(8) Illi fil-kaz odjern il-post ta' residenza ta' Cecilia Romana Nesbitt huwa 2,Via Vocabolo Colonna, 01028, Orte Viterbo, Roma, Italia u mhux l-indirizz tal-fond 38, Triq l-Arcipriet Cassar, Victoria, Ghawdex li jintuza' minn Cecilia Romana Nesbitt biss meta tkun fuq btala gewwa Malta;

(9) Illi dan jidher mid-dokumenti ufficcjali tal-istess Cecilia Romana Nesbitt u cioe' mill-passaport, karta tal-identita' u l-licenzja tas-sewqan taghha li kopji taghhom gew annessi u mmarkati bhala Dokumenti 'AF2' sa 'AF4' li minnhom jidher car li l-post ta' residenza tal-attrici mhuwiex f'Victoria, Ghawdex izda gewwa Ruma fl-Italja;

(10) Illi ghalhekk il-procedura tal-pubblikazzjoni ma kinitx korretta in kwantu fl-ewwel lok ma kinux jikkonkorru l-parametri stabbiliti bil-ligi sabiex in-notifika ssir bil-pubblikazzjoni u fit-tieni lok billi din il-procedura saret skorrettement u mhux fit-terminu tal-ligi proprju ghaliex l-avviz ma kienx fih it-taghrif kollu kif rikjest bil-ligi u fit-tielet lok peress li dan l-avviz ma twahhalx fil-post kif stabbilit bil-ligi;

(11) Illi ghalhekk l-istess Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri naqqset milli thares li jsir haqq skond il-merti sostanti tal-kaz migjub quddiemha u dan b'harsien tar-regoli tal-gustizzja naturali.

Ir-rikorrenti nomine qeghda ghalhekk titlob lil din il-qorti sabiex:

(i) Tiddikjara u tippronunzja s-sentenza moghtija mill- Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri fl-Avviz Nru 1/2011 fl-ismijiet ‘Publius Pisani vs Cecilia Nesbitt’ moghtija fid-29 ta’ Marzu 2011 bhala nulla u minghajr effett fil-konfront tal-attrici Cecilia Romana Nesbitt u dan stante illi l-Qorti naqset milli tottempera ruhha mal-proceduri u principji stabbiliti mil-ligi u naqset milli thares ir-regoli ta’ gustizzja normali.

(ii) Tirrevoka konsegwentement l-istess decizjoni.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni

Rat li fir-risposta guramentata tieghu l-konvenut eccepixxa hekk:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta matul it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

2. Illi preliminarjament l-attrici nomine ghandha ggib prova tal-mandat taghha peress li fir-rikors guramentat ma hemm ebda referenza ghal xi prokura u tanto meno gie esebit xi dokument f’dak is-sens u allura trid tingieb prova tal-mandat taghha;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni ma gietx proposta b’mod korrett ghaliex ma tistax tintalab nullita’ ta’ sentenza b’dan il-mod. Se mai kellha ssir kawza a tenur ta’ l-artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta senjatament ritrattazzjoni kif jipprovdi l-artikolu 811(b) tal-Kap 12;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess ir-regolamenti tal-Kummissjoni Ewropeja Nru 1393/2007 ma humiex applikabbli ghal dan il-kaz ghaliex kif jinghad fil-general provisions Artiklu 1 subinciz (2)

*2. <u>This Regulation shall not apply where the address of the person to be served with the document is not known</u>*

5. Illi l-konvenut ma kienx jaf l-indirizz ta' Cecilia Nesbitt f'Ruma u sar jaf bih issa meta gie notifikat b'din il-kawza. B'dan allura li awtomatikament l-applikazzjoni tar-regolamenti 1393/2007 hija eskluza;

6. Illi in vista tal-premess, il-kaz tmexxa skont il-proceduri tal-Ligijiet ta' Malta kif appuntu tirrikjedi l-ligi u kif ukoll kif jinghad fl-istess regolamenti li abbazi taghhom qed issir din il-kawza. Tenut kont tal-fatt ukoll li x-xoghol sar f'immobbli li jinsab fir-Rabat, Ghawdex, Malta;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2011 din il-Qorti in vista tat-tielet eccezzjoni tal-konvenut rat li huwa opportun li l-ewwel ghandha tigi trattata u deciza din l-istess eccezzjoni. Ghalhekk il-konvenut inghata sal-15 ta' Awwissu 2011 sabiex jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet bil-visto jew notifika tad-difensur tal-kontro-parti li jkollha sal-15 ta' Settembru 20011 biex tipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet taghha. Il-kawza giet differita sabiex tigi deciza din l-eccezzjoni preliminari ghat-28 ta' Ottubru 2011.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut u li r-rikorrenti nomine baqghet ma pprezentat l-ebda nota ta' sottomissjonijiet.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok b'referenza ghat-tieni eccezzjoni tal-konvenut jinghad li din illum hija sorvolata peress li fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2011 Dr Angele Formosa prezentat il-prokura li Cecilia Nesbitt ghamlet a favur taghha.

Illi l-konvenut in sostenn tat-tielet eccezzjoni tieghu jargumenta li r-rimedju tal-annullament bil-procedura adottata mill-attrici nomine ma tistax tigi applikata ghas-sentenza tal-Qrati Ordinarji peress li ghall-impunjazzjoni taghhom, il-ligi tikkontempla biss ir-rimedju ordinarju ta' l-appell u dak straordinarju tar-ritrattazzjoni.

Illi l-artikoli relevanti ghar-rizoluzzjoni tal-kwistjoni odjerna huma s-segwenti:

- L-artikolu 226 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula l-mezz ordinarju biex tigi impunjata sentenza

*'L-appell isir b'rikors li jigi prezentat fir-registru tal-Qorti ta' l-Appell fi zmien ghoxrin jum mid-data tas-sentenza'.*

Illi r-rikorrenti nomine ma ndikatx fir-rikors promotur meta allegatament giet a konoxxjenza tas-sentenza moghtija fid-29 ta' Marzu 2011. Ma jidhirx li sar appell mill-istess sentenza – mill-atti ma jirrizultax jekk tali nuqqas kien ghax ir-rikorrenti nomine halliet it-terminu jiddekorri jew inkella ghaliex saret taf bis-sentenza wara d-dekors tat-terminu ta' l-appell.

- Il-ligi tipprovdi wkoll ghar-rimedju ta' ritrattazzjoni ai termini ta' l-artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli l-ohra sussegwenti.

- L-artikolu 811 tal-Kap 12 jipprovdi:

*'Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Civili Prim'Awla, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:'*

Fost ir-ragunijiet elenkati nsibu s-sub-artikolu 811(b):

*'jekk ir-rikors guramentat ma jkunx gie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigh tal-kawza'.*

- L-artikolu 812 jiddisponi illi:

*'Ir-ritrattazzjoni ta' kawza deciza b'sentenza moghtija minn qorti ta' l-ewwel grad, u li ghaddiet f'gudikat, tista' tinghata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f'kull wiehed mill-kazijiet imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan, basta li l-parti tkun giet taf bil-fatti illi minhabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun ghalaq iz-zmien ta' l-appell.'*

- Fl-ahharnett, l-artikolu 818(1)(b) jistipula:

*(1) Iz-zmien li fih tista' ssir it-talba ghar-ritrattazzjoni huwa ta' tliet xhur, u jibda jghodd –*

*(b) fil-kaz imsemmi fil-paragrafu (b), mill-gurnata li fiha l-attur ikun gie jaf bis-sentenza.'*

Illi kif inhu risaput ir-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju li jolqot sentenza li tkun saret gudikat. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Anna Cassar et vs Lawrence Attard noe et**[1]

*'Huwa essenzjali f'kull sistema ta' dritt, li sentenza ghandha tkun l-ahhar kelma dwar l-istat ta' dritt bejn partijiet fi kwestjoni, u s-sahha taghha titqies bhala s-sewwa maghruf (pro veritate habetur). Kif inghad*[2]*, l-effikacja guridika u socjali tal-gudikat titlob li l-amministrazzjoni tal-gustizzja ma tigix imfixkla billi, fi kwalunkwe stadju u minghajr limiti, l-parti telliefa terga' tqajjem il-kwestjoni u tiftahha. Huwa ghalhekk li l-legislatur ried li jaghti espressament, b'mod tassattiv u f'dawn it-termini biss ir-rimedju tar-ritrattazzjoni li bih biss sentenza tista' tigi attakkata u mwaqqa' wara li tkun saret gudikat. B'dan il-mod, jekk ghal kaz partikolari ma japplikawx ir-rimedji eccezzjonali tal-istitut tar-ritrattazzjoni, m'hemm l-ebda mod kif titwaqqa' sentenza li ghaddiet in gudikat*[3]*. Minbarra dan, ilu zmien twil stabbilit il-principju li s-sahha*

---

[1] Cit Nru: 392/2001JRM deciza fil-25 ta' Settembru, 2003

[2] App Civ 28.6.1973 fil-kawza fl-ismijiet **Caterina Gerada et vs Avukat Dottor Antonio Caruana** (mhix pubblikata)

[3] App Inf, 31.7.1996 fil-kawza fl-ismijiet **Martin Farrugia vs John Mifsud et** (mhix pubblikata).

*tar-rabta ta' sentenza li ghaddiet f'gudikat ma titwaqqax lanqas bir-rimedju tar-ritrattazzjoni fejn ma jintweriex li l-parti kienet imcahhda milli tiddefendi lilha nnifisha, ghall-kuntrarju ta' fejn naqset li tiddefendi lilha nnifisha jew ma haditx dawk il-passi biex tizgura difiza xierqa[4].*

*Illi l-procedura tar-ritrattazzjoni ghandha zewg ghanijiet: fl-ewwel post, dik li thassar ghal kollox u mhux biss parzjalment[5] sentenza li tkun saret gudikat bejn il-partijiet u dan ghal xi wahda mir-ragunijiet specifici u tassattivi msemmija mil-ligi[6] (imsejha teknikament in rescindente); u fit-tieni post, dik li terga' tinstema' l-kawza li s-sentenza taghha tkun thassret u li tinghata sentenza ohra mill-gdid (imsejha teknikament in rescissorio)'.*

Illi r-rikorrenti mhix qeghdha tipproponi ritrattazzjoni tas-sentenza izda minn qari tar-rikors mahluf partikolarment it-talbiet attrici huwa evidenti li dak li qeghdha tipprova tittanta tottjeni r-rikorrenti nomine minn din il-qorti huwa r-*restitutio in integrum.,* ossija li titqieghed fl-istess posizzjoni li kienet qabel ma nghatat is-sentenza minnha impunjata. Infatti hija talbet specifikatament dikjarazzjoni ta' nullita' tas-sentenza u r-revoka taghha.

Illi kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Edmea Pace vs Edward Pavia**[7] il-procedura ta' *restitutio in integrum* kienet tezisti fil-ligi antika ta' pajjizna u l-Qrati taghna kienu jhossu li kellhom id-diskrezzjoni biex, f'cirkostanzi specjali, ihassru jew jimmodifikaw sentenza li ghaddiet in gudikat. Dan huwa poter li kien vestit fil-*Praetor Ruma,* u l-Imhallfin taghna kienu jikkunsidraw li kellhom l-istess poteri u fakultajiet li kellu dan l-ufficjal. Dan ir-rimedju kien fil-fatt uzat biex tithassar sentenza meta l-gudikant kien ihoss li fic-cirkustanzi specjali tal-kaz hekk kien jixraq. Meta fis-seklu dsatax, gie promulgat il-Kodici ta'

---

[4] Kumm. 31.3.1894 fil-kawza fl-ismijiet **Zonda vs Parthenis** (Kollez Vol XIV.I.219)

[5] App Civ 5.6.1985 fil-kawza fl-ismijiet **Kontrollur tad-Dwana vs Michael Zammit et**

[6] App Civ 7.12.1936 fil-kawza fl-ismijiet **Wismayer vs Wismayer et** (Kollez Vol XXIX.i.795)

[7] Cit Nru 1915/1999TM deciza fit-3 ta' Lulju 2003

Procedura, dan ir-rimedju ma giex inkorporat fil-Kodici gdid, u giet, minflok regolata s-sistema ta' ritrattazzjoni.

Bil-procedura ta' ritrattazzjoni, sentenza li ghaddiet in gudikat tista' wkoll tigi mhassra, izda biss f'cirkustanzi partikolari specifikati fl-istess Kodici, u basta l-azzjoni ssir f'terminu preskritt u bil-procedura appozita. Il-Legislatur, donnu, ma riedx li sentenza definittiva tkun tista' tigi mhassra fi kwalunkwe zmien jew ghal kwalunkwe raguni li jkun lest jaccetta l-gudikant; ic-cirkustanzi li jistghu jwasslu ghat-thassir tas-sentenza ma baqghux aktar fid-diskrezzjoni tal-gudikant (li seta' jaccetta jew ma jaccettax cirkustanza partikolari skond kif jidhirlu hu li kien gust), izda gew definiti b'mod oggettiv fil-ligi.

Illi kienet is-sentenza fl-ismijiet **Leone Misrahi vs Giuseppe Cassar et**[8] li bla tlaqliq ta' xejn dik il-qorti rriteniet li r-*restitutio in integrum* bhala istitut indipendenti ta' impunjazzjoni ta' sentenza definittiva gie abbolit meta fis-sistema tal-ligi taghna gie organizzat l-istitut ta' ritrattazzjoni. Dak l-istitut kien applikat in bazi ghal dak li kien konsiderat il-'jus comune' taghna, cjoe', tad-Dritt Ruman kif modifikat minn ligijiet u konswetudinijiet partikolari u nfluwenzat mid-Dritt Kanoniku. Bis-sahha tal-ligijiet il-godda r-rimedju tar-restituzzjoni kellu jitqies abbolit bhala kuntrarju u nkonsistenti mar-rimedju tar-ritrattazzjoni. Intqal li *'Del resto anqas jidher li jaghmel sens illi l-ligi mill-banda l-wahda tghid (kif jghid l-artikolu 816 (illum art. 813) tal-Kodici ta' Procedura) illi r-ritrattazzjoni ma tinghatax hlief ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-artikolu 814 (illum 811) u tistabilixxi z-zmien perentorju li fih ir-ritrattazzjoni tista' tintalab, u fl-istess hin, wiehed jippretendi mill-banda l-ohra illi b'dana kollu, sentenzi jistghu jigu revokati u l-kawzi ritrattati f'kazijiet ohra wkoll indeterminati meta suppost ikun hemm 'gusta kawza' u bla regolament la ta' forma u lanqas ta' zmien u dan b'rimedju iehor li, ghal kull effett u fini prattiku, mhux hlief ritrattazzjoni b'isem iehor'.*[9]

---

[8] Appell, Sede Inferjuri deciza fit-12 ta' Lulju 1965

[9] Ara wkoll **Rapa Brothers Co Ltd vs Socjeta' Cranes and Commercial Sales Limited,** App Civ-Ghawdex Numru 13/2002 deciza fis-16 ta' Settembru 2004

Dan l-insenjament gie konsistentement segwit mill-Qrati taghna. Hekk, ad exemplum, fil-kawza fl-ismijiet **Degabriele vs Gulia**[10] intqal li r-rimedju ta' *restitutio in integrum* mill-introduzzjoni tar-rimedju tar-ritrattazzjoni limitata ghall-kazijiet specifici m'ghadux jezisti izjed fis-sistema legali taghna riferibbilment ghas-sentenza. Fis-sentenza fl-ismijiet **Caterina Gerada vs Avv Dr Antonio Caruana**[11]**,** l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell qalet li:

*'Meta l-ligi taghti l-mezzi sabiex fl-interess taghhom il-partijiet jaghmlu uzu minnhom halli jwaqqghu sentenzi, anke li tkun nulla, u dawk l-istess rimedji ma jigux fil-fatt minnhom adoperati huma ma jibqghalhomx rimedju iehor ghal dak il-fini, u dan barra milli ghar-ragunijiet li ntqalu fuq ghall-presunzjoni tal-verita', li ghandha jkollha setgha u tikkopri kwalunkwe kawza ta' nullita', peress illi l-kawzi ghandhom ikollhom terminu u jispiccaw xi darba'.*

Fl-istess vena nsibu l-posizzjoni mehuda mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Cauchi vs Dimech**[12] li spjegat li r-rimedji biex tigi attakkata sentenza definittiva tal-Qorti huma l-appell u r-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni. Kieku kien mod iehor, sostniet dik l-Onorabbli Qorti, allura s-sentenza qatt ma ssir definittiva u qatt ma jista' jkun hemm esekuzzjoni taghha.

Fil-kawza fl-ismijiet **Salvina Bugeja vs Paola Azzopardi et**[13] l-attrici ttantat tottjeni mill-Qorti r-*restitutio in integrum.* L-ilment ta' l-attrici kien li hija ma kinitx giet notifikata bir-riappuntament tal-kawza. Il-Qorti ta' l-Appell, wara li kkwotat l-artikolu 811(b) tal-Kap 12 qalet li dan l-artikolu huwa applikabbli wkoll ghal notifika tal-avviz ghas-smiegh jew in-notifika tal-avviz tar-riappuntament tas-smiegh tal-kawza. Ghal darb'ohra gie osservat li l-ligi procedurali tistabilixxi tassattivament ir-rimedji tal-appell u tar-ritrattazzjoni biex jigu mpunjati sentenzi. Mhux konsentit li jigu adottati xi rimedji ohra oltre dawk dettati mil-ligi. Il-

[10] App Civ deciza fil-5 ta' Frar 1968

[11] App Civ deciza fit-28 ta' Gunju 1973

[12] Deciza fit-3 ta' Lulju 1995

[13] App Civ Nru 1367/98 deciza fid-19 ta' Gunju 2001

Qorti tenniet li l-kuncett tar-*restitutio in integrum* mhux aktar accessibbli. Illi l-attrici f'dik il-kawza ma kinitx utilizzat ir-rimedju stabbilit mil-ligi. Infatti hija kienet talbet dikjarazzjoni mill-Qorti li l-proceduri decizi kienu rritwali u vvizjati minhabba nuqqas ta' notifika tar-riappuntament tal-kawza lilha u ghalhekk talbet dikjarazzjoni li l-imsemmija sentenza kienet nulla u bla effett. Izda l-Qorti kkonkludiet li ma setghetx tikkunsidra t-talba attrici barra mir-rimedju tar-ritrattazzjoni. L-ebda disposizzjoni fil-ligi taghna ma taghti lok li titressaq citazzjoni, illum rikors guramentat, sabiex sentenza li tkun ghaddiet in gudikat tigi dikjarata nulla u bla effett u l-Qorti tieqaf hemm – bhal ma qieghed jintalab fil-kawza odjerna.

Relevanti wkoll ghall-mertu tal-kawza odjerna dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Salvatore Fenech vs Emmanuele Borg**[14] :

*'Jekk sentenza tinghata meta l-konvenut ma kienx gie notifikat bl-att tac-citazzjoni, ir-rimedju tal-konvenut biex jimpunja dik is-sentenza mhuwiex dak li jitlob b'kawza ohra n-nullita' ta' dik is-sentenza, imma jew ir-rimedju ordinarju tal-appell, jew ir-ritrattazzjoni'.*

Illi dawn il-pronunzjamenti ghandhom isibu l-applikazzjoni taghhom ghall-mertu tal-kawza odjerna. Huwa lampanti li l-azzjoni tar-rikorrenti nomine hija improponibbli. Ir-rikorrenti nomine qeghdha titlob rizultat li ma jistax jigi ottenut bil-procedura adoperata. Huwa evidenti li r-rikorrenti nomine kellha a disposizzjoni taghha zgur ir-rimedju stabbilit bil-ligi biex f'kaz eccezzjonali bhal ma tippretendi li kien taghha titlob smiegh mill-gdid tal-kawza u dan in vista wkoll taz-zewg sentenzi li ghalihom saret referenza fiz-zewg paragrafi precedenti ghal dan. L-attrici pero' ma pperkorrietx din it-triq.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-intimat u tichad it-talbiet tar-rikorrenti nomine, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti nomine.

---

[14] Prim'Awla deciza fit-3 ta' April 1962

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------